MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 32/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dennis Mallia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dennis Mallia talli fid-19 ta’ Mejju, 2001 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer (**1**) impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217, jew mod iehor ghen jew assista persuni li ma humiex persuni ezenti fl-ghemil ta’ reat mahsub taht l-Artikolu 23 tal-Kap. 217; (**2**) bhala persuna responsabbli ta’ xoghol li kien qieghed isir gewwa barriera fil-limiti taz-Zurrieq, impjega persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma

kellhomx permess validu u ufficjali; u aktar (**3**) talli fl-istess cirkostanzi bhala principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, *whole time*, *part time* jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Frar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Dennis Mallia hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitt lira (Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' Frar, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2003; ikkunsidrat:

L-appell ta' l-Avukat Generalu huwa bbazat fuq id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Krminali, disposizzjoni li tgahti dritt ta' appell lill-imsemmi Avukat Generali jekk il-piena moghtija mill-Qorti Inferjuri ma tkunx, fix-xorta jew fil-kobor taghha, dik ikkontemplata mill-ligi ghar-reat li fuqu l-ikkundannat ikun gie misjub hati.

F'dan il-kaz l-Avukat Generali qed jikkontendi li l-ewwel qorti injorat ghal kollox dak li jipprovdi r-regolament 7 ta' l-A.L. 110/1993. Dan ir-regolament jipprovdi li *"Kull principal li jimpjega xi persuna li ma tkunx cittadin ta' Malta, sakemm dik il-persuna ma jkollhiex permess tax-xoghol, ikun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn elf lira…"*. L-Avukat Generali jikkontendi li ghalhekk il-piena, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tipotizza dana r-reat, kellha tkun ta' mhux anqas minn hames mitt lira.

Effettivament din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid dwar dana l-appell. Hu evidenti li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. It-tieni imputazzjoni kjarament tipotizza r-reat kontemplat fl-imsemmi regolament 7, b'mod ghalhekk

li l-ewwel qorti erogat piena li, fil-kobor taghha, ma kienitx dik ikkontemplata mill-ligi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat Dennis Mallia mitt lira u minflok tikkundannah multa ta' hames mitt lira (Lm500), konvertibbli fi tlett xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------